May 79

Organu tal-"Malta Police Association"
Ippubblikat minn
Associated News (M) Ltd.
Stampat fil-Union Press
Editur — Michael Marshall

# IL-PULIZIJA

Vol 3 / 1

## Il-Figura tal-Pulizija fil-Monument Nazzjonali

Minn A.Debattista

Wara li għaddew iċ-ċelebrazzjonijiet tal-31 ta' Marzu 1979, nixtieq li nagħmel daqsxejn ta' riflessjoni dwar il-Monument Nazzjonali li twaqqaf fil-Birgu. Kif kulħadd jaf, l-erba' figuri jirrappreżentaw baħri Ingliż għadu kif niżżel il-bandira Ingliża, qed jieħu b'idejn ħaddiem Malti, kif ukoll żewġ figuri oħra ta' ħaddiem Malti qed itella' l-bandiera Maltija u Pulizija qed idoqq il-bugle b'sinjal ta' rispett lejn it-tlugħ tal-bandiera Maltija.

Li jolqotni l-aktar f'dan il-Monument, bħala membru tal-Korp, hija l-figura tal-PULIZIJA u nħass li dan huwa ta' unur għall-Korp tagħna, li ħaddiem minn tiegħu huwa rappreżentat fost il-ħaddiema Maltin. Għal min ma jafx, din il-figura ġiet maħduma fuq mudell ta' iben membru tal-Korp tagħna, mill-iskultur magħruf Anton Agius.

Fiċ-ċerimonja li saret fil-lejl tat-31 ta' Marzu 1979, meta ġew magħżula erba' persuni biex jagħtu dehra ħajja lill-figuri tal-Monument, kien hemm ukoll KUNTISTABBLI, fil-persuna ta' PC Richard Cauchi li huwa stazzjonat fil-Mobile. Meta ġie ntervistat qabel iċ-ċerimonja, PC Cauchi wera l-pjaċir tiegħu li ntagħżel biex jieħu sehem f'din iċ-ċerimonja simbolika.

Kienet ideja sublimi ta' min għażel membru tal-Korp tal-Pulizija biex jirrapreżenta wieħed mill-ħaddiema Maltin, għaliex illum, forsi aktar minn qabel, il-poplu qed jagħraf ix-xogħol importanti li l-Pulizija għandha fis-soċjeta' tagħna. Infatti, ma hemm ebda stadju fil-ħajja tal-bniedem, speċjalment f'pajjiżna, li l-Pulizija bħala ħaddiem, ma għandux sehem x'jagħti liċ-ċittadin.

Minn meta jitwieled sakemm imut, iċ-ċittadin għandu bżonn tal-Pulizija biex jgħinu u jaqdih f'xi bżonn jew ieħor. Huwa dan il-fatt li jagħmel lill-Pulizija tagħna aktar konxji tal-funzjoni tagħhom fis-soċjeta' Maltija li huma ħalfu, meta ngaġġaw fis-servizz, li jaqdu u jkunu lejali lejn in-Nazzjon Malti u l-mexxejja tagħha.

J'Alla dan il-fatt simboliku jdaħħal fil-membri tagħna, sens akbar ta' dover u responsabbilta' lejn il-poplu u lejn ir-Repubblika ta' Malta, li aħna għandna l-unur li nservu.



Il-Figura tal-Pulizija fil-Monument Nazzjonali

## EDITORJAL

### Il-Magazin wara Sentejn ta' Pubblikazzjoni

Ftit aktar minn sentejn ilu wrejna l-ħsieb ta' pubblikazzjoni ta' magazin dwar ix-xogħol tal-Pulizija. Bosta kienu dawk li qatgħulna qalbna jew qalulna li l-pubblikazzjoni tieqaf wara l-ewwel ftit ħarġiet. Illum, għad li ma lħaqniex xi livell, għadna noħorġu l-magazin kull xahar għalkemm dan qed isir b'ħafna sforzi.

Kemm-il darba għamilna sejħiet għall-pubblikazzjoni b'mod speċjali mill-fizzjali tal-Korp, iżda neħħi xi tnejn minnhom kollha baqgħu lura. Għad li ma għanniex xi artikolisti fil-Korp iżda hemm min jista' jgħin fil-pubblikazzjoni ta' dan il-magazin billi jikkontribwixxi xi materjal ta' interess għall-pulizija.

Ma aħniex nistennew xi artikli li jittrattaw fuq il-psikoloġija għalex artikli ta' din ix-xorta nħalluhom f'idejn nies esperti fuq dan is-suġġett. Kitba ta' din ix-xorta dehret fil-magazin tagħna minn nies barra l-Korp u ta' dan għandna għaliex nirringrazzjawhom u nittamaw li jkomplu jgħinuna fil-pubblikazzjoni ta' dan il-magazin.

Stennejna wkoll aktar suġġerimenti fuq suġġetti ta' interess kemm għall-pulizija kif ukoll għall-pubbliku bħal ma huma id-'drogi' u t-'traffiku'. Fuq id-drogi ppubblikajna sensiela ta' artikoli bl-ingliż u huttamat li nippubblikaw sensiela oħra bil-malti. Dwar it-traffiku għamilna diversi sejħiet għall-materjal għall-pubblikazzjoni iżda jiddispjaċina ngħidu li kulħadd baqa' lura.

B'danakollu ma aħniex se naqtgħu qalbna anzi se nżidu l-isforzi tagħna biex la darba bdejna din il-biċċa xogħol siewja ma nieqfux iżda nittamaw li fil-ġejjieni nsibu mhux biss koperazzjoni kif dejjem sibna iżda aktar għajnuna permezz ta' materjal għall-pubblikazzjoni.

**KOPERTINA**
**Il-Jazz Band tal-Pulizija F'Dar il-Mediterran**




Miljuni ta' jeans u ġgieget Wrangler li tipproduċi Blue Bell (Malta) Ltd. isibu post l-iżjed prominenti fl-aqwa swieq tad-dinja.

Jeans u ġgieget Wrangler maħdumin f'Malta jiġu esportati għall-pajjiżi ewlenin ta' l-Ewropa u l-Lvant Nofsani.

**Blue Bell (Malta) Limited**

Qasam Industrijali ta' San Ġwann,
B'Kara. Tel: 46081

Wrangler

## MILL-ASSOCIATION

*Kumitat tal-Association 1979/80*

**Spetturi:** J.C. Gauci, J.M. Attard, C. Spiteri, M. Borg, S. Galea, A. Caleja, G. Muscat, G.A. Grech, C. Demicoli.

**Surġenti** Maġġuri: R. Borg, J. Xerri G. Cilia, P. Grech, L. Muscat, A. Farrugia, P. Tanti, G. Cossai. J. Micallef, C. Caruana.

**Surġenti:** 919 M. Marshall, 21 C. Bonello, 1041 J. Cutajar, 398 R. Henwood McKeon, 134 J. Meli, 9 A. Vella, 72 R. Micallef.

Kuntistabblijiet: 130 F. St. John, 874 L. Inguanez, 355 E. Attard, 1350 A. Borda, 1346 R. Zammti, 1108 D. Cassar, 649 M. Saliba, 167 J. Cassar, 479 R. Kelly.

Fl-ewwel laqgħa tal-Association li saret nhar is-Sibt 14 ta' April, 1979 saru dawn il-ħatriet:

M. Marshall — Chairman
C. Demicoli — Viċi Chairman
E. Attard — Segretarju
C. Bonanno — Assistent Segretarju

*ENTERTAINMENT COMMITTEE*

M. Marshall; C. Bonanno; R. Micallef.

*KUMITAT GHAJNUNA FINANZJARJA*

Iċ-Chairman u s-Segretarju u S.M. L. Muscat; P.S. R. Henwood McKeon.

*EDITUR TAL-MAGAZIN TAL-ASSOCIATION*

M. Marshall.

*Regolamenti ta' l-1977 dwar il-Proċedura ta' Dixxiplina Difiża waqt Proċeduri ta' Dixxiplina*

Fil-waqt li l-Association tesiġi għad-dixxiplina fost il-membri tal-Korp minn naħa l-oħra obbligata wkoll li toffri difiża lil dawk li jitressqu bi ksur ta' dixxiplina.

Qabel ma ħarġu r-regolamenti ta' l-1977 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina) il-membri tal-Korp setgħu jitolbu fizzjal tal-Pulizija jiddefendihom waqt il-proċeduri dixxiplinarji. Ilum, kif jgħid il-paragrafu 18 tal-imsemmija regolamenti l-akkużat jista' jiġi mgħejjun minn uffiċjal fis-servizz pubbliku jew minn rappreżentat ta' l-Association.

Matul dawn l-aħħar sentejn l-Association tat diversi difiżi lill-membri tal-Korp kemm f'każijiet ta' dixxiplina quddiem il-Kummisarju tal-Pulizija kif ukoll f'każijiet quddiem il-Bord ta' Dixxiplina. Qabel it-twaqqif tal-Association saru wkoll bosta difiżi minn fizzjali tal-Korp. Fost dawn il-fizzjali ta' min isemmi l-Ispettur C. Demicoli li ddefenda numru kbir ta' membri tal-Korp f'każijiet imressqa quddiem il-Kummissarju tal-Pulizija u xi każijiet oħra quddiem il-Bord ta' Dixxiplina.

# Presentation of Rear Admiral Cecil's CAR

Rear Admiral O.N.A. Cecil, Commander British Forces Malta who departed on 1st April 1979 left his Vauxhall car which he used in Malta and presented it to the Malta Police Force.

Rear Admiral Cecil inspected a Quarter Guard before the official presentation of his car which took place at Police General Headquarters on Friday March 30th.



*Rear Admiral Cecil leaving Police H.Q.*

## Il-Kodiċi Kriminali

Nixtiequ navżaw li l-prezz tal-KODIĊI KRIMINALI huwa ta' tlett liri £M3 għal kulħadd. Il-kumitat dehrlu li dawk il-membri tal-Korp li xtaqu jixtru dan il-ktieb bi prezz issussidjat kellhom żmien biżżejjed. Il-Kumitat iddeċieda wkoll li dawk ir-rekluti li jixtru dan il-ktieb kif jidħlu fil-Korp iħallsu l-prezz bis-sussidju jiġifieri ta' £M2.25.

**ILLEGA "IL-PULIZIJA"**

**Dawk li jixtiequ jillegaw it-tieni volum ta' "IL-PULIZIJA" jistgħu jagħmlu dan bi li jieħdu l-magazines fl-Uffiċċju ta' l-Association.**

# CARMELO FARRUGIA MELFAR LTD.

Established 1930

Telegrams: Raflem-Malta
Telex: 456 Raflem M.W.

Offices: 10, PIETRO FLORIANI STREET, FLORIANA. Tels. 623969–23858

Sales: 92, PRINCE OF WALES ROAD, SLIEMA. Tel. 31421

## CONTRACTORS TO THE CIVIL GOVERNMENT U.K. DEPARTMENT OF THE ENVIRONMENT AND UNITED STATES GOVERNMENT

***Specialists in:***

ELECTRICAL — MECHANICAL ENGINEERING — PLUMBING — GAS — AIR CONDITIONING — HEATING and VENTILATING — SWIMMING POOLS — THERMAL and ACOUSTIC INSULATION — LIFTS — INTERCOM and TELECOMMUNICATION SYSTEMS.

***Malta Representatives for:***

WORLD FAMOUS OTIS LIFTS, ESCALATORS & FORK LIFT TRUCKS • MONTGOMERIE REID FORK LIFT TRUCKS • ELECTRICAL & MANUAL HOISTING & LIFTING EQUIPMENT & CONVEYORS • PYROTENAX MINERAL INSULATED COPPER CABLES • PIRELLI DOMESTIC & INDUSTRIAL CABLES • STEEL & NON-METALLIC CONDUIT TUBES & FITTINGS • FAP-FIBO CONDUIT SYSTEMS • ELECTRICAL ACCESSORIES • LIGHTING FITTINGS • ELECTRICAL SWITCHGEARS & FUSE BOARDS • ELECTRICAL DOMESTIC APPLIANCES • AIR CONDITIONERS • WATER STORAGE CISTERNS & OIL FUEL TANKS • BOILERS & RADIATORS • WATER HEATERS • INCINERATORS • GALVANISED PIPES • BATHROOM FIXTURES • FARFISA INTERCOMS, TELECOMMUNICATION EQUIPMENT & AUTOMATIC DOOR OPENING SYSTEMS • OFFICE EQUIPMENT, ETC.

**Excellent After Sales Service and Maintenance**

# Pulizija Vittmi tal-Gwerra

Minn E.A.

It-tieni gwerra dinjija qajmet paniku u konfużjoni enormi f'pajjiżna u kulħadd jammetti li kif bdiet il-gwerra ftit li xejn kien hawn organizzazzjoni u preparamenti għall-gwerra. Il-kittieba jgħidu li fl-ewwel 'raids' fuq pajjiżna kien hawn straġi sħiħa u ħadd ma jaf x'se jaqbad jagħmel. Mhux se noqgħod insemmi l-ħidma tal-Pulizija matul din li-gwerra u dan għidtu biss biex wieħed ikun jista' jimmaġina ix-xogħol tal-Pulizija li huwa kbir fin-normal, fi żmenijiet koroh u diżastrużi bħal ta' żmien il-gwerra.

Il-gwerra ħalliet ħafna vittmi fosthom disa' membri tal-Korp tal-Pulizija li ftit li xejn qatt issemma xi ħaġa dwarhom u għaldaqstant qed nippubblika l-informazzjoni li ġbart dwar il-Pulizija vittmi tal-gwerra. Nixtieq ngħid ukoll li xi żmien ilu jiena tlabt l-awtoritajiet sabiex titwaħħal irħama bl-ismijiet tal-Pulizija vittmi tal-gwerra liema rħama jiena ssuġġerejt li titpoġġa ħdejn il-Kappella tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Irħamiet bl-ismijiet ta' vittmi tal-gwerra qed jitwaħħlu f'diversi parroċċi mal-ġenb tal-knejjes. Għandi wkoll il-pjaċir ngħid li t-talba tiegħi ġiet milqugħa iżda xtaqt li qabel jibda x-xogħol wieħed jgħid x'bi ħsiebu jagħmel bl-iskop li jintbagħtu xi suġġerimenti oħra.

Fl-opinjoni tiegħi l-irħama għandha tkun hekk:

IL-KORP TAL-PULIZIJA<br>JSELLEM IL-MEMBRI<br>TAL-KORP VITTMI<br>TAT-TIENI GWERRA<br>1939—1945<br>Kunt. 192 A. Camilleri<br>ta' 50 sena<br>miet fit-12.2.1942

eċċ.

Issa ngħaddi biex nagħti t-tagħrif li ġbart dwar dawn il-vittmi. Kuntistabbli Nru. 176 John Gatt ta' 24 sena mill-Gżira — miżżewweġ lil Maria Gatt li miet fit-12 ta' Ġunju 1940 ħdejn it-Tejatru Orpheum il-Gżira.



John Gatt



Lucrezio Cassar

Kuntistabbli Nru. 284 Lucrezio Cassar ta' 26 sena minn Ħal Qormi — miżżewweġ lil Dolores Cassar li miet fil-Marsa fis-26 ta' Ġunju 1940. Cassar ġarrab ġrieħi gravi wara attakk mill-għadu u ġie meħud l-Isptar (Bugeja Hospital) il-Ħamrun fejn miet xi ħin wara.



Alphonse Camileri

Dak in-nhar tas-26 ta' Ġunju 1940 kienu mietu 27 ruħ wara attakk mill-ajru. Uħud minn dawk li mietu kienu ġo karozza tal-linja tal-Kottonera li wara li ġiet milquta mill-għadu ħadet in-nar.

Kuntistabbli Nru. 291 Francis Camilleri ta' 21 sena minn Bormla. Miet fl-10 ta' Marzu 1941 f'Bormla.

Kuntistabbli Nru. 192 Alphonse Camileri ta' 50 sena minn Ħal Tarxien — miżżewweġ lil Andreana Camilleri li miet waqt attakk fit-12 ta' Frar 1942 f'Nru. 4, Pjazza Pawla, Raħal il-Ġdid.

Camilleri Carmel ta' 30 sena (li m'għandix ir-rank u numru tiegħu) minn Raħal il-Ġdid, miżżewweġ lil Antonia Camilleri, miet waqt l-istess attakk tat-12 ta' Frar u fl-istess post li ssemma. Jiġifieri dak in-nhar tat-12 ta' Frar mietu żewġ membri tal-Korp fl-istess post.



Alfred Vella

Kuntistabli Nru. 547 Alfred Vella ta' 45 sena minn Tas-Sliema. Miżżewweġ lil Josephine Vella li miet fis-17 ta' Marzu 1942 ħdejn l-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema.

Surġent Nru. 89 Charles Lanzon minn Ħal-Lija li miet ukoll fis-17 ta' Marzu 1942 flimkien ma' Alfred Vella ħdejn l-Għassa ta' Tas-Sliema. Dawn iż-żewġ membri tal-Korp kienu l-vittma ta' attakk qalil mill-għadu f'xit-tmienja ta' fil-għodu meta mietu 26 persuna oħra.

Surġent Nru. 184 Michael Riviera ta' 40 sena minn Tas-Sliema — miżżewweġ lil Mary Riviera li miet fl-1 ta' April 1942 f'St. Trophimus Street, Tas-Sliema. Dak in-nhar mietu 32 ruħ u 25 minnhom mietu ġo jew madwar il-knisja tas-Sacro Cuor Tas-Sliema.

# The Trade Leader in the 80s

with a name for reliability and quality

# MUSCATS GENERAL STORES LTD.

Malta's leading importers of **refrigerators, washing machines, cookers, food mixers, televisions and sportswear.**

Leading specialists in refrigeration and heating, kitchen catering equipment for Hotels, Restaurants and Bars—Laundry Machinery & Equipment.

MGS MUSCATS GENERAL STORES LTD

15-16 REPUBLIC STREET, VALLETTA

Tel: 626242 – 28228

***Over 150 years of Trading in Malta.***



Charles Lanzon



Michael Riviera



Peter Cordina

Surġent Nru. 252 Peter Cordina ta' 57 sena minn Tas-Sliema. Is-Surġent Pietru (kif kien magħruf) jiġi n-nannu tal-Ispettur Peter Cordina (bla dubju msemmi għalih). Is-Surġent Pietru kellu tlett itfal fil-Korp tal-Pulizija, Manwel, Francis u Michael u riċentement iben ieħor tal-mejjet Pietru daħal ukoll fil-Korp wara li temm is-servizz tiegħu mal-Pulizija tal-Ammiraljat. Is-Surġent Cordina miet fit-12 ta' Lulju 1942 fi Strada San Duminku Tas-Sliema.

Dawn kienu l-Pulizija vittmi tal-gwerra. Kif għidt qabel isimhom qatt ma deher imkien għalhekk nittama li nsib l-għajnuna ta' kulħadd u min jixtieq jagħmel xi suġġeriment jiktbilna.

## MUTUAL HELP ASSOCIATION

Il-kontribuzzjonijiet tal-MHA għax-xahar ta' Mejju kienu għall-familji tal-imsemmija ex-membri tal-Korp:—



Ex-Kuntistabbli Nru 644
John Borg



Ex-Kuntistabbli Nru 687
Louis Fenech

Ħdimna magħhom magħhom f'ħajjithom — ma ninsewhomx wara mewthom.

Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.

## DOMINE DIRIGE NOS

**RIFLESSJONI GHAL KULL XAHAR**

Min Hu Kristu Għalija?
Huwa l-Iben t'Alla li sar
bin il-Bniedem
Halli jagħmel lili wkoll
Iben Alla, Bħalu
u jagħtini li niret Miegħu
s-Saltna ta' Missieru.

## APPREZZAMENT

Sur Editur,

Nixtieq nieħu l-okkażjoni biex permezz ta' 'IL-PULIZIJA' f'isem il-familja tiegħi kollha nirringrazzja lis-Sur J. Cachia u l-Assistent Kummissarju A. M. Tommasi, lill-uffiċjali u membri oħra tal-Korp li b'xi mod jew ieħor urew sogħba għat-telfa tal-wisq għażiż u maħbub missieri. Nirringrazzja wkoll lill-kappillan li wkoll ħa sehem fil-funeral ta' missieri. Ma ninsiex lilek u lis-sentries għall-apprezzament li deher fuq dan il-ġurnal. Grazzi ħafna minn qalbi lil kulħadd.

Mary Pace
(bint l-ex-Kun. Carmelo Pace)
F'isem il-familja Pace.

# SINGER

## the practical way to save money




Available at the Singer Sewing Centres: Valletta; Sliema; Birkirkara; Hamrun; Paola; Cospicua; Zejtun and Victoria, Gozo and from all Dealers.

**SINGER** takes the trouble to save you trouble

# The Drug Problem and modern Malta

By Fr. Michael Bezzina

The end of March, has marked a new beginning to our country. It is a start, which every Maltese citizen must take heed of and not beware. Everyone of us must care, that the foundations of the new Malta must be based on solid grounds and free from every detrimental issue, that makes our great hopes fade away.

## The Drug Problem

Such noble ideals, must instil in our hearts and minds the spirit of courage to deal with the recent developments in drug addiction on our islands, especially amongst our younger generation. Everybody knows, that such a sinister problem lays a heavy burden of worry and anxiety on the conscience of every honest Maltese citizen and so, makes our social start proves awkward.

The drug problem seemed to be remote in our country, even some years ago. Still, it is no more today. The shadow of this social tragedy looms over the head of every family, heedless of education, wealth or honourable position. A recent chilling statistic by the Hon. Minister of Health on those treated for drug abuse in our hospitals, supplements such worring assertions, which would have been more embarrassing, if it was not for the unceasing effort of our Police, who do their utmost to eradicatt such a ravaging epidemic, that makes the eye of any society shadowned by death and social peace mingled with terror.

## Let us not be too confident

It must be sharp-etched in every mind and heart, that such a problem has established its reign of terror in many other countries more economically and even more socially developed than ours. Now, let us be firm in our conviction, that it is threatening our beloved country, and it could prove to be menacing, if each one of us remain as a mere spectator.

Such a heartfelt appeal, comes out from my past ex1 perience amongst youth of various ages and denominations, who unfortunately fell victims to such a monstrous threat. Such an understanding, makes me urge the public conscience make an over-emphasis in dealing with drug-abuse, and so save our youth, who up to same days ago distinguished themselves from youths of other countries in integrity and moral standards.

## An appeal to our Youth

This article is compiled with a specific purpose. It stresses, especially to our youth, that they must not choose to play the Russian roulette with their health, their integrity or their lives. The acurate statistics given by the Hon. Minister of Health, together with other cases which were impossible to obtain due to their undercover, make our drug problem most perplexing. Before such social complexities, the hearty appeal of our civil and religious leaders is more than adequate. It urges us to organize forces and work together with unprejudiced efforts to safeguard the fundations of our New Malta.

## The Hon. Minister of Health's Statistic

Whoever looks with an open eye to the mentioned statistic of the Hon. Minister of Health, especially about last year patients treated for drug abuse in the mental hospital (an unadapted place, according to modern scientifical trends), easily realize that Malta's situation on this subject has changed so drastically, that it would be a nation-wide error to be ignored. For a such small country like ours with a population of less than half a million, 44 recognized addicts are more than an over-burden to our new society which is in a great need of strong and able citizens to look for a better future.

Peter Laurie in his interesting and important book about Drugs, relates: "...Looking back, the first sign of it was the arrest of a young professional trafficker in 1951, who had stolen a large amount of heroin and cocain from a hospital pharmacy. In the three months he was at large in the West End of London, he had built a clientele of fifty customers. All of these, over the years, have emerged as confirmed addicts, who presumably have to some extent carried on the patron's energetic business habits."

## Who is to blame?

What really fills the conscience of every honest Maltese citizen with awe and embarrassment, is the main cause of this alarming amount of drug-addiction amongst our young generation, who up to some days ago was reared in a sound social and economical environment. It is rather difficult to find the real answer, since most adolescents have to face what is commonly referred to as 'adolescent upheaval'. However it is a risky task to deny that certain social abnormalities have given a notable push on the mind and heart of the young towards drug dependance. Amongst these is worthwhile noticing the general relaxing of moral standards and certain increasing flow of publicity (films and literature) on drug dependance.

It would implicate volumes to detail the main causes which stimulate a person to drug addiction. However, it would be more socially worthwhile to indigate about the sinister consequences (and sometimes even fatal) of this burning subject. It is rather impertinent for a person without any medical knowledge to write on such a technical subject. However I must admit, that personal experience gives me the right, as it gives to any other similar person, the right to ask: how far forward does this get society?

# Francesco Rivarlora

## First Commandant of the Police Force

By M.M.T.

A FULL feature on the life of Francesco Rivarlora was carried in a previous issue (Vol 2 No. 1 May, 1978), through the unstinting efforts of Senior Inspector Joseph Attard a letter dated 16th June 1824 written by Rivarlora and addressed to the then Governor General Francis Rowdon Marquis of Hastings who following the sudden death of Governor Sir Thomas Maitland on the 17th January 1824 had assumed the government of these Islands was discovered and this letter sheds more light on the character of the First Commanding Officer of the Force.

It must be remembered that Rivarlora was Governor Maitland's blue eyed boy. The Governor who had full confidence in Rivarlora greatly helped him in his career and the Governor's death induced Rivarlora to write to his successor reminding him of the sterling service he had rendered to the British Government since his enlistment in the British Army on the 4th April 1795 and asking that Maitland's promises to him be fulfilled. When this letter was written Rivarlora had already relinquished his command of the Malta Police Force.

## Rivarlora the soldier

Rivarlora tells the Marquis of Hastings Governor of Malta how he managed to free six hundred twenty two British Army personnel taken prisoners by the Turks during the British expedition to Egypt in 1807.

He says: "I was employed in the second Expedition at the head of the Real Sicilian Regiment and when the British Forces were ordered to abandon Egypt, at the request of Major General A.M. Fraser, commanding that Army, I undertook a most difficult and dangerous mission to Cairo at the hazard of my life and liberty, the object of which was to procure the ransom or release of 22 officers and 600 British soldiers who unfortunately fell in the hands of the Turks at and near Rosetta, many of whom have been made private slaves, for which service I was promised the consideration of His Majesty's Government and any recompense in the gift or recommendation of the Commander of the Forces.

"This very delicate and perilous enterprise I accomplished with the completest success and escape from the repeated attacks of the undisciplined Turkish Army, bringing the whole of the captives back to their Regiments and friends, and this without any pecuniary sacrifice on the part of the Government, although the large sum of £80,000 sterling had been offered and authorised to be spent for that purpose. I declined any pecuniary remuneration or allowance for myself, being anxious only to get forward in my (Army) profession in consequence of which I was strongly recommended for promotion by both General Fraser and Sir John Moore, the then Commander of the Froce but owing, as it is suggested to the disaster which befell this expedition I did not get the expected promotion nor any other reward further than flattering answers to those recommendations".

## Rivarlora the policeman

Rivarlora then continues to say how he became Inspector General of Police: "Being in garrison, at Malta, when the plague broke out in May 1813 and having had considerable opportunity of observing the contagious nature of that disease in Egypt, I took every precation in regard to the Regiment (Real Sicilia) under my command of which though stationed in a very most infested part of this Island only one man was lost, I offered advice to the Civil Government to which eventually, as the plague increased in violence and rapidity Lt. Gen. H. Oakes (Governor of Malta) paid serious attention as my predictions became daily verified and the whole Island was thrown into a state of confusion and dismay never before witnessed in the memory of man.

"So circumstanced and with nothing but horror, anarchy and death in view, Sir. H. Oakes on the 2nd July 1813 requested me to undertake the extraordinary and temporary duty of INSPECTOR GENERAL OF POLICE, an office hitherto unknown here, in which I was to have power and authority to exercise my discretion as to the superintendence required on the occasion and as to the means adopted for checking the plague. This ardous duty and highly responsible charge, so new to a military man, was undertaken by me, though too much time had been allowed to elapse before such an important step was resolved upon and Sir H. Oates was pleased to promise that the service I was about to undertake, one so foreign to my Army profession would be recompensed by the British Government and accordingly that very same night I entered on the office in question, and in a few days every requisite arrangement was made by me for putting the POLICE, CIVIC AND HEALTH GUARDS in a state of discipline, and bringing about that general system calculated to arrest the progress of the disease, by meeting step by step all the difficulties which hourly spring up in the course of so horrid a visitation.

"In fact, in less than three weeks from this appointment the plague was observed visibly to decline, and the places in which it existed being more well guarded, and the great principle of segregation (although thought impractivable before my appointment) was soon enforced by myself with promptitude and vigour and the period of its complete extinction to be calculated upon with certainty. I had the honour of being repeatedly thanked in public by Sir H. Oakes for my exertions and success, in putting a stop to this dreadful calamity, in corroboration of which I beg leave to refer to the Malta Government Gazette to public dispatchers and letters, as also to the general orders and other publications on the subject as wel as to Sir Arthur Brookes Fanlkener's evidence before the House of Commons."

*(to be continued)*

# IL-KAROZZA Elettriku minflok Petrol

**Minn J.M.Scicluna**

Xi wħud jaħsbu illi l-karozza ta' l-elettriku hija xi ħaġa ta' dawn iż-żmenijiet. Għal kuntrarju, tabilħaqq din bdiet qabel u saret qabel il-karozza mħaddma bi fuel ieħor. Għalkemm il-karozza li taħdem blelettriku hija iżjed antika minn dik tal-petrol, minn dawk iżżmenijiet sal-lum ftit li xejn sar progress fil-prinċipju ta' dan il-ħsieb.

Fis-sbatax ta' Ġunju, 1842, l-Iskoċċiż Davidson immonta tmien "electro magnets" fuq karozzella (bla żwiemel) li kienu jieħdu l-kurrent minn batteriji primittivi ħafna. Fl-1880 ġie vvintat l-"accummulator" u hawn kien illi l-karozza mħaddma bl-elettriku ħadet spinta 'l quddiem. Fl-1881 il-Franċiż Raffard immonta Hillman Sociable b'makna ta' l-elettriku u fl-istess sena Raffard bena Omnibus li ż-żewġ vetturi kienu jieħdu l-kurrent minn batteriji. Fl-1887 il-managing Director tal-Brighton Electric Railway, fl-Ingilterra, Magnus Volk, bena karozzella żgħira mħaddma minn mutur ta' l-elettriku ta' ½ h.p., li kien jieħu l-kurrent elettriku minn sitt batteriji li kienu jservu sitt siegħat. Fl-1891 John Kemp Starley ma setax jipprova l-karozza tiegħu ġo l-Ingilterra minħabba r-restrizzjoni ta' 4 mili fis-siegħa. Għalhekk Starley ħa l-karozza tiegħu Franza fejn hemmhekk irnexxielu jtella' 8 mili fis-siegħa.

F'dawk iż-żminijiet, meta wieħed jikkonsidra illi biex iżżomm karozza ta' din il-kwalita' is-somma tal-manutenzjoni kienet tlaħħaq xi £500 fissena u kienet għolja aktar minn dik tal-karozza li taħdem bil-petrol, allura din kienet biss karozza li setgħu jżommuha s-sinjuruni. Minkejja dan kollu kienu ħafna li raw prospetti sbieħ għal karozza elettrika. Wieħed minn dawn innies kien il-Franċiż Camille Jenatzy li fid-29 ta' April 1899, waqqaf rekord tal-veloċita' ta' 65.8 mili fis-siegħa, u għalhekk



Din il-karozza ta' l-Association? Le. Din Columbia Electric

kienet l-ewwel karozza li qabżet il-mitt kilometru fis-siegħa. Fl-1900 l-Ingliż Hart bena karozza li ma kull rota immonta mutur ta' l-elettriku u allura kienet l-ewwel karozza fiddinja tat-tip 'Four-wheel drive'. Sal-1939 fl-Amerika l-Kumpanija Detroit Electrics kienet għada tipproduċi l-karozzi ta' l-elettriku li kienu jiġu mmontati fuq chassis ta' Dodge. Fis-sittinijiet u sebgħinijiet inħasset il-kriżi taż-żejt u wkoll biex tittaffa t-tniġġiż ta' l-arja inbnew xi karozzi li jaħdmu blelettriku.

Ford ta' l-Ingilterra ħarġet karozza żgħira bħala "city car" iżda l-problema baqgħet l-istess bħal ta' sebgħin sena ilu; il-goffaġni, it-toqol tal-batteriji u l-limitazzjoni tal-vjaġġ fuq kull "charge" li tagħti l-il-batteriji. Din il-karozza issa tinsab fis-Science Museum ta' Londra. Xorta waħda xi xjentisti għadhom jippruvaw jiddisinjaw batteriji addattati għal din il-karozza kif ukoll x'jista' jsir biex il-karozza elettrika tieħu l-'fuel' tagħha mixxemx.



Detroit Electric — 1922

# TO PROFESSIONALS TRUCKING COULD BE CHILD'S PLAY




That's why people
entrust their cargo to Islander Trucking

**ISLANDER TRUCKING LTD**

12, St. Christopher Street, Valetta.
Tel: 25152
Cables: Islandtruck Malta

You might not know but Islander Trucking is one of Malta's leading Cargo Carriers. Our TIR trucks are well known on the roads of Europe because we pay a lot of visits to Italy, France, Switzerland, Germany and Britain

Islander collects and delivers door to door anywhere. So if you've got cargo to move, stop worrying. Leave that to us.

Come and see us for further details without any obligation. Better still, if you wish., you can phone us any time. Or post this coupon today.

Cut and mail to:
**ISLANDER TRUCKING LTD.**
**12, St. Christopher Street,**
**Valletta, Malta.**
**Tel. 25152**

I have cargo to send to ....................
....................................

Kindly send me further details today.

Name. ..................................

Firm: ..................................

Address: ...............................
.........................................

Tel. no. ...............................




REMY MARTIN FINE CHAMPAGNE COGNAC

# Il-Kwartieri Generali tal-Pulizija

*Minn WALTER CAMILLERI*

**IT-TIENI PARTI**

Minn issa 'l quddiem l-Old Police Depot jew aħjar is-Sacra Infermeria, sejrin insibuha bħala "Dar il-Mediterran". Żewġ kelmiet li jfissru mhux biss xi ħaġa tagħna l-Maltin imma, ifissru wkoll, xi ħaġa tal-barranin ukoll. Ifissru l-bejta ta' għaqda u sliem ta' bosta ġnus u pajjiżi, kuluri u fehmiet fi ħdan baħar wieħed. Is-Sacra Infermeria saret qisha mini ċentru bħal Ġnus Magħquda. U dan għal aktar għaqda u koperazzjoni bejn il-popli li sieq pajjiżhom tinsab mifruxa bil-baħar Mediterran.

Huwa verament minnu li s-Sacra Infermeria ma twaqqfitx għall-Pulizija ta' Malta, imma, ma neskludix li l-istess Pulizija fl-għoxrin sena li għamlet f'dan il-lok, rabtet isimha magħha u saħansitra biddlitilha isimha għal Police Depot u saret xi ħaġa integrali mal-lok.

Ngħidu bla tlaqliq li f'dan il-lok, il-Pulizija ta' Malta kompliet qabdet ir-rotta tal-progress xpentifiku fil-qasam tagħha. Kien dan il-lok u l-abbilta' tal-fizzjali tal-Korp ta' dak iż-żmien li żammew li ma jitreġġax lura jew li ma jitħassarx l-isem glorjuż u d-dinjita' tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta.

U la wasalna hawn, għax ma ngħidux grazzi lil ta' qabilna għat-tajjeb li writna minn għandhom. Għax ma nqimux dak il-lok li għen ħafna fil-formazzjoni tal-Korp f'ġieħ is-sewwa? F'kelma waħda għax ma għandniex ngħożżu u nfakkru l-pedamenti sodi li llum għandna taħt saqajna u li nafu wkoll nirpużaw fuqhom meta jkun meħtieġ? U hawn nistaqsi: Għax ma ssirx irħama kommemorattiva mal-faċċata ta' Dar il-Mediterran biex tfakkar il-ħidma fejjieda li l-Pulizija ta' Malta wettqet minn dak il-lok għal għoxrin sena sħaħ?

J'Alla immela, Dar il-Mediterran restawrata u mibdula kif inhi llum, tkompli żżomm l-isem sabiħ u glorjuż li taw lil Malta tagħna, is-Sacra Infermeria u l-Old Police Depot. U minn hawn għal Santa Venera.



Id-Depot fil-Fleur-de-Lys

U għal darba oħra nqalgħet ċirkustanza oħra. Kif diġa' rajna, il-Pulizija għamlet għoxrin sena fi Triq Merkanti isfel (1919/39). Is-snin tat-tletinijiet kienu fl-aqwa tagħhom. L-erbgħinijiet kienu fil-qrib bil-krudelta' tal-inflazzjoni u riċessjoni li t-tletinijiet għoġobhom joffru lid-dinja permezz tal-mexxejja politiċi, prinċipalment Ewropej.

Il-kriżijiet finanzjarji u politiċi ddeċidew gwerra bla tlaqliq. U faqqgħet. Fl-1938, l-intiena ta' gwerra bdiet tinxtamm sewwa u l-gvernijiet bdew jimmobilizzaw ruħhom għal li jista' jinqala'. Hekk ukoll ġara f'Malta. L-amministrazzjoni tal-pajjiż, li hi wkoll konxja tal-kriżijiet suwed mondjali, bdiet tagħmel it-tħejjijiet meħtieġa. U f'dan l-ankolu niltaqgħu mal-Pulizija ta' Malta.

L-amministrazzjoni tal-Korp tal-Pulizija kif diġa' għidna, kienet iċċentralizzata b'ruħha u b'ġisimha fil-Belt Valletta. Kienet fil-periklu imminenti li f'każ ta' gwerra, tintradam jew b'xi mod tiġi "Out of Action". Il-Pulizija hi meħtieġa s-sena kollha aħseb u ara kemm hi meħtieġa waqt gwerra. Għal din ir-raġuni f'nofs is-sena 1939 il-Pulizija ingħatatilha ordni minn San Anton biex tevakwa lilha nnifisha u tlebbet lejn Santa Venera.

Santa Venera bħala raħal ma għandux dik l-importanza strateġika li għandha l-Belt Valletta. F'dan ir-raħal kien aktar il-każ li l-Pulizija taħdem aħjar f'każ ta' gwerra, fl-interess tan-nazzjon. Il-għażla biex jaqdi dan id-dmir ta' kwartier tal-Pulizija waqgħet fuq l-istitut jew konservatorju Vincenzo Bugeja tal-bniet, li jinsab f'salib it-toroq, ħdejn ir-roundabout, nofs triq bejn San Anton u l-Belt Valletta, fl-inħawi magħrufa l-Fleur-de-Lys.

Bis-saħħa ta' dik l-ordni, it-tfal u s-sorijiet evakwaw ruħhom huma wkoll, prinċipalment biex jagħmlu l-wisgħa għall-Pulizija. Ġewwa dan l-istitut, l-amministrazzjoni tal-Korp trekknet kif setgħet. Għidt trekknet għax kif ġa' għidna, il-Pulizija ma daħlitx f'lok mibni għaliha. Immaġinaw dawk is-swali, refettorji u dormitorji jiġu ikkonvertiti f'uffiċin', imħażen u garage, għal-kumdita' u l-esiġenzi tas-servizz.

U kif għamilna aktar qabel, induru dawra żgħira mal-istoria ta' dan il-konservatorju li hu wkoll għandu l-importanza storika tiegħu fl-istorja tal-Korp tal-Pulizija. Għax f'dan

# Teacher's. In a class of its own.




**Enquiries: 624109**

# Eagle Star

# fully covers these risks

There is always that risk that your house can be burgled! Your jewellery stolen! Your baggage lost while travelling! Business premises can be burgled or catch fire! Your car can be stolen! You can be injured! And many others. Let Eagle Star offer you security and peace of mind.

General agents for Eagle Star since 1907.

**Thos. C. Smith & Co. Ltd.**
**(Est 1848)**
**12 St.Christopher Str.**
**Valletta.**
**Tel 625685,**
**625071,**
**28180.**



il-lok issawru tajjeb fizzjali u pulizija oħra u mill-istess lok ukoll, ħarġu ħwejjeġ ta' ġieħ għall-Korp u għal Malta. (Al-menu nifirħu bit-tajjeb li ħareġ minn kull lok li konna fih).

Nemmen li f'Malta u f'Għawdex kulħad xi darba sema' bil-Markiż Vincenzo Bugeja. Dan kien bniedem ta' qalb kbira u ħanina u li mexa fuq il-Vanġelu: "Għin lil batut". Il-Markiż Vincenzo u martu ddeċidew li jibnu konservatorju għat-tfal bniet iltiema biex f'dan il-lok jiġu mħarsa mill-ħażen tat-triq u jitilgħu nisa sewwa.

Fl-1872 il-Markiż Bugeja fisser ix-xewqa tiegħu lill-Isqof Gejtanu Pace Forno li jwaqqaf stitut u dan minn naħa tiegħu ħeġġu kemm felaħ tant, li rrakkomnadah lil Papa Piju IX. Il-Papa minn naħa tiegħu offra l-għajnuna tal-arkitett tiegħu Virginio Vespignani biex dan iħażżeż il-pjanta tal-konservatorju propost.

Id-diffikultajiet ma jonqsux anke għal ħaġa tajba u dan il-konservatorju ma rax id-dawl tax-xemx qabel l-20 ta' April 1876, f'liema jum tqiegħdet l-ewwel ġebla. Dam tiela' erba' snin u sewwasew fit-18 ta' Mejju 1882 ġie inawgurat uffiċjalment u mżanżan minn madwar 50 tifla li ħadu l-ewwel kenn fid-dar tal-imħabba.

Il-kaxxa tal-markiż ħarġet is-somma sabiħa ta' 250,000 skud (madwar £M20,000) biex dan il-proġett filantropiku jirnexxi. Il-markiż ħaseb għal lok, fejn dawn it-tfal imsejkna jkollhom fejn jgħixu deċentement u moralment, tajjeb u bla nkwiet ieħor. Bena stitut mgħammar b'kollox saħansitra ġonna kbar u kappella, ġawhra ta' kumpless. Fl-intrata tal-ġonna fid-daħla tal-istitut, b'xhieda ta' radd il-ħajr, dawk li fehmu l-kobor u l-ħtieġa ta' dan l-istitut, waqqfu ark bil-bust tal-Markiż Vincenzo Bugeja. Dan ix-xogħol inħadem mill-Profs. Tito Angelini ta' Napli.

U għax ma ngħidux grazzi wkoll lil Markiż Bugeja u lil martu li bnew dan il-lok sabiħ li laqa' fi ħdanu lill-Korp tal-Pulizija fl-aktar żmenijiet ko-



il-Pulizija fil-bitħa ta' l-istitut Vincenzo Bugeja

roh li Malta kienet għaddejja minnhom. Kienet l-emerġenza tal-gwerra (1939/45) li laqqgħet il-ħidma filantropika tal-markiż mal-Korp tal-Pulizija, li b'xi mod ukoll nistgħu ngħidu li l-ħidma tal-Korp hi waħda filantropika. Min jaf x'hemm x'tirrakkonta fuq il-Korp tal-Pulizija ġewwa l-Fleur-de-Lys. Dan il-lok għad irid jilgħab parti tajba fl-istorja tal-korp fil-ħmistax-il sena li għamel (1939/54), fl-istitut tal-ġonna.

*(Inkomplu darba oħra)*

# KONT TAF...?

Għal darb' oħra nixtiequ nneħħu mill-imħuħ ta' xi pulizija li dawn iħallsu xi kontribuzzjoni għall-Canteen fid-Depot. Ta' sikwiet wieħed jisma' "mela għalfejn qed inħallas tal-Mess". Din l-ideja hija żbaljata u ħadd ħlief il-fizzjali ma jħallas tal-Mess.

Għal darb' oħra nixtiequ li dawk il-kontribuzzjonijiet li jsiru kull tlett xhur huma għall-Mutual Help Assoociation, Police General Fund u Malta Police Association.

Xi xhur ilu l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija għamlet rappreżentazzjonijiet lill-Kummissarju tal-Pulizija biex dawk il-membri tal-Korp li jkunu għassa għal ħin twil f'postijiet mnejn ma jistgħux jiehdu xi refreshments ikunu jistgħu jagħmlu dan billi jinbidlu jew isir xi arranġament ieħor.

Fl-imgħoddi dan mhux biss kien isir iżda l-pulizija kienu wkoll ntitolati għall-Food and Refreshments Allowance meta dawn il-pulizija kienu jagħmlu xogħol barra mid-distrett fejn kienu stazzjonati. Din l-allowance kienet ta' 12c5 kull jum għall-fizzjali u 10 ċenteżmi għall-oħrajn.



"Well, I won't be getting any more parking tickets — I had the windshield wipers removed!"




Sole distributors: TESSONS LIMITED
75 Liesse Hill, Valletta. Telephone: 624672 21996

# PROTECT AGAINST FIRE AND BURGLARY WITH A CHUBB SAFE

**The famous firm of Chubb have manufactured this safe especially for the smaller office or business. The Chubb Commerce Quality Safe resists burglars and fire too. It offers strong protection against attack by explosives and drill, and is competely surrounded by Chubb fire-resisting material, tested and approved by independent authorities. For a reasonable price the security of a Chubb Safe can be yours. Come and see the Chubb Commerce Quality Safe.**

**(Possibly a Chubb Wall Safe will serve your needs. Why not come and see that too?)**




## PHILIP TOLEDO LTD

NOTABILE ROAD
MRIEHEL – MALTA
TELEPHONE: 44747–45566
CABLES: MEDIA–MALTA

Please send me your Free details about Chubb Safes

Name ____________________

Address ____________________

____________________




# Qwiel Maltin

Għeżież Tfal,

Kultant titfaċċa xi diska li tkun ta' tip imsejjaħ "Song Story" li fiha, il-kompożitur permezz ta' diski magħrufa, jwassal speċi ta' storja li l-kontinwita' u s-sinifikat tagħha jkun propju fl-isem ta' għadd ta' diski li jinstemgħu f'dik il-ġabra.

Fuq din il-linja, ġew f'moħħi għadd ta' qwiel (proverbji) Maltin li jista' wieħed japplika bħala messaġġ għalikom, tfal li qegħdin tikbru.

Il-ġenituri tagħkom għandhom il-problemi tagħhom biex irabbukom sew u f'dan sikwit isibu tfixkil, għaliex il-Malti jgħid "TFAL U BHEJJEM, GHALI DEJJEM". Meta tkunu żgħar, ikollkom bżonn ħafna attenzjoni. Min jaf kemm-il darba il-papa' u l-mama' tagħkom qamu bil-lejl biex jattendu għall-bżonnijiet tagħkom.

Meta tikbru, il-problemi jkunu aktar serji u ta' uġiegħ ta' ras kif jispjega tajjeb qawl ieħor Malti li jgħid "TFAL ŻGHAR GHAJMA R A S I, TFAL KBAR AJMA QALBI" li tifsir tiegħu huwa ċar biżżejjed.

Huwa għalhekk li l-ġenituri tagħkom jagħmlu mill-aħjar biex itellgħukom fid-dixxiplina għax kif jgħid qawl ieħor, "IL-FSIED IHASSAR L-ULIED". Kultant taħsbu li jgħidulkom Le għal xi ħaġa sempliċiment biex ma jagħtukomx dak li titolbu, iżda għax dawn iħobbukom jafu aktar minnkom x'inhu l-aħjar għalikom.

Dawn flimkien ma l-Għalliema tagħkom, iridulkom biss ġid u għax għandhom esperjenza, għax akbar minnkom, jafu aktar minnkom it-triq li hija l-aħjar għalikom. Dan jispjega dak li jgħid qawl ieħor "KLIEM IX-XIH ŻOMM FIH".

Tisimgħu spiss qawl ieħor li jgħid "SKOND IZ-ZOKK IL-FERGHA" li jfisser li jekk il-kap huwa ħażin, dawk li jiddependu minnu wkoll joħorġu ħżiena. Tindunaw għalhekk li jekk il-ġenituri tagħkom iħallukom tagħmlu li tridu, bla rażan, ma tistgħux titilgħu rġiel u nisa li wieħed jkun jista' jitkabbar bihom, iżda għal kuntrarju, titilgħu bla karattru u 'l quddiem twaħħlu fihom li ma tawkomx trobbija tajba.

Meta tibdew tikbru, tindunaw bil-kompetizzjoni li ssibu ma wiċċkom biex tilħqu l-aspirazzjonijiet tagħkom għaliex "GHAL KULL GHADMA HAWN MITT KELB". Hadd mhu se jgħidilkom "AHSEL WIĊĊEK BIEX TKUN ISBAH MINNI", proverbju ieħor li żgur ma jgħoddx għall ġenituri tagħkom. Għalhekk huwa importanti li taraw ma min tagħmluha għaliex "MIN JAGHMILHA MAZ-ZOPP, GHELUQ IS-SENA JSIR BHALU", bħal meta jkollok borża frott sabiħ u miegħu jkun hemm waħda mħassra, tispiċċa biex din tħasar lill-oħrajn. Jekk tagħmluha ma' min huwa tajjeb bħalkom jew ma' min huwa aħjar minnkom, tagħmlu sew. Tagħmlux il-maqlub għaliex kif jgħid qawl ieħor, "GHAMA JIMEXXI L-GHAMA, IT-TNEJN JINTILFU".

Kif taraw, permezz ta' ftit qwiel Maltin, ħareġ ħafna tagħlim. U dan ma għandux jonqos għaliex dawn il-qwiel ħallewhom ix-xjuħ tagħna li tgħallmu għas-spejjeż tagħhom. Jekk tosservaw dawn il-qwiel, issibuhom ta' għajnuna fil-ħajja tagħkom.

## 1979 — Is-Sena Internazzjonali tat-Tfal

Tfal, bħal ma żgur tafu, din is-sena (1979) ġiet magħżula bħala s-Sena Internazzjonali tat-Tfal. Fid-dinja kollha qed isiru attivitajiet u konvenzjonijiet beix jiġbdu l-attenzjoni tal-mexxejja, għall-bżonnijiet u d-drittijiet tat-tfal.

F'Malta, xejn anqas minn pajjiżi oħra, qed isiru ħafna attivitajiet kulturali u Soċjali biex il-bżonnijiet u drittijiet tagħkom isiru aktar magħrufa. Meta taqraw u taraw x'inhu jiġri f'pajjiżi oħra, permezz tal-mezzi tax-Xandir, tindunaw kemm inthom, ħdejn tfal oħra f'pajjiżi oħra, inthom ixxurtjati li ftit għandkom, jekk għandkom, minn dawn il-problemi. Ma għandkomx ideja kemm tfal bil-ġuħ, orfni, refuġjati hawn fid-dinja, bħal ma hawn tfal sfruttati fix-xogħol, bla skola u f'sitwazzjonijiet xejn sanitarji li jwaħħxuk.

Niżżu ħajr 'l Alla, f'pajjiżna hawn opportunitajiet biżżejjed għal skola, saħħa u ambjent tal-familja, servizzi soċjali, sptarijeit u bżonnijiet oħra li ħafna tfal fid-dinja huma neqsin minnhom.

Għalhekk huwa pass ta' min ifaħħru li meta tiġi opportunita', nagħtu miż-żejjed tagħna biex ngħinu lil dawk anqas ixxurtjati minnha. Dan huwa mhux biss att Kristjan iżda wkoll att ċivilizzat.

Barra mill-mezzi tax-xandir, dawn in-nuqqasijiet kultant iwassluhomna l-Missjunarji li fost il-ħafna problemi li jsemmgħu, hemm dik tat-tfal mitluqa u mġewwħa li għalihom dawn il-Missjunarji tant jaħdmu.

Għalhekk meta taraw dawn l-affarijiet kollha, għandkom aktar tapprezzaw dak li għandkom u titgħallmu tgħinu lil dawk anqas ixxurtjati minnkom. Biex il-Korp tagħna wkoll jagħti sehmu għal din is-sena tagħkom, l-Asoċjazzjoni tagħna beħsiebha torganizza 'SUMMER CAMPS" għat-tfal tal-membri tal-Korp, fis-Sajf. Qegħdin isiru l-arranġamenti meħtieġa u meta jasal il-waqt nagħtu aktar dettalji kemm f'dan il-Magazine kif ukoll permezz ta' Ċirkularijiet.

Inħeġġiġkom għalhekk minn issa, li meta dawn isiru, tikkoperaw ma' dawk li jkunu jieħdu ħsiebkom biex dan l-ewwel esperiment f'dan il-qasam ikun suċċess u jħajjarna nkomplu b'aktar attivitajiet bħal dawn.




They can forward your personal effects boxes and/or cargo, conventional or containerised to all destinations, at special rates, even to AUSTRALIA, CANADA, UK and USA.

When planning for your holiday in the most economical and practical way, use their Travelmatic Service for any of the following facilities:-

Insured Apex to and from UK. USA and CANADA.
WINDSOR TOURS or any other inclusive tour to and from principal European Countries.
SPECIAL FARES to Australia.

# Contact Sullivan & Sullivan Ltd., Malta's Cargo and Travel Experts...

**Sullivan & Sullivan Ltd.**
**150, St. Lucia Street,**
**Valletta.**
Telephone: 624715, 625946 during office hours.
30560, 31628, 31778 after office hours and on holidays.

# ROADHOUSE BUSKETT

presents NIGHTLY – INTERNATIONAL CABARET

- **Open-Air Theatre Restaurant.**
- **'X' LIVE DISCO every Monday.**
- **TEA-TIME SHOW every Sunday.**
- **FOLKLORE *NIGHT* every Wednesday and Friday.**
- ***RESIDENT BAND AQUARIUS***



**Bunny Lewis**

Book in advance to avoid disappointment Telephone **674233 — 626542**




**FOOTBALL**

It-team tagħna tal-footbal, wara l-waqfa li kellu matul iż-żmien ta' l-istrike tal-karozzi tal-linja u x-xogħol konness maċ-ċelebrazzjonijiet tal-31 ta' Marzu 1979, kompla bil-parteċipazzjoni fil-Kompetizzjoni għad-Dipartimenti tal-Gvern u Korpi Para-Statali, organizzata mill-Ministeru ta' l-Isport. It-team tagħna, rebbieħ ta' Sezzjoni "C", ingħaqad mar-rebbieħa u runners-up tal-gruppi l-oħra, jiġifieri Air Malta, Hydraulic Unit, Health, Water Works, Spinning and Weaving, Pijunieri, Agri: & Fisheries, Telemalta, Apprendisti PWD, Drydocks u Shipbuilding.

Meta telgħu l-poloz għat-tieni fażi tal-kompetizzjoni, it-tnax-il team ġew imqassma f'erba' gruppi ta' tlieta l-wieħed, biex ir-rebbieħ ta' kull grupp jikkontesta s-semi-finali.

It-team tagħna ġie mtella' fi Grupp "A" flimkien mal-Air Malta u Hydraulic Unit, u rnexxielna nirbħu ż-żewġ logħbiet tagħna biex irbaħna l-grupp u konna l-ewwel team fis-semi-finali.

Nhar it-Tnejn, 16/4/79 lagħbna mal-Hydraulic Unit u rbaħna 2—0 b'goals ta' Noel Fabri u Charles Grech. F'din il-lógħba sofrejna l-ewwel goal s'issa f'din il-kompetizzjoni.

Nhar l-Erbgħa, 18/4/79 lagħbna kontra l-Air Malta u rbaħna 1—0 b'goal ta' Nicky Mizzi. Din kienet rebħa mportanti fuq team li għandu bosta players ta' ċerta fama, u mliet il-players tagħna b'moral kbir.

Meta kont qed nikteb, kienu għadhom jintlagħbu l-logħbiet tal-gruppi l-oħra u għalhekk kien għad mhux magħruf ma' min kellna niltaqgħu fis-semi-finali. Nispera li sakem taslilkom din il-ħarġa, it-team tagħna jkun irnexxielu jirbaħ mhux biss is-semi-finali iżda wkoll il-final. Jekk dan ma jsirx, żgur ma jkunx minħabba nuqqas ta' sforz mill-players u diriġenti li lkoll ħadmu biex din is-sena, jekk jista' jkun, ma nfallux li nirbħu din il-kompetizzjoni.

**BASKETBALL**

Anke t-team tagħna tal-Basketball kellu staġun ferm sodisfaċenti. Kif tafu, f'din l-ewwel sena ta' kompetizzjoni, irnexxielu jirbaħ il-promozzjoni mill-"Promotion Pool" għat-Tielet Diviżjoni.

Mill-aħħar li ltqajna, it-team tagħna lagħab kontra SABRAS B.C. u kellu rebħa kbira ta' 108 — 18. Kif juri r-riżultat, kellna supremazija assoluta. Minbarra li sa fl-aħħar irnexxielna nagħmlu skor ta' 100 punt, li fil-Basketball huwa l-mira ta' ħafna teams, l-aħjar player tagħna, Lucjan Abela, bil-għajnuna tal-players l-oħra, irnexxielu jtella total ta' 68 personal points, li bihom tela' jillidia l-klassifika ta' l-aqwa skorers.

Meta kont qed nikteb, it-team tagħna kellu l-aħħar impenn tiegħu, kontra t-team tal-BLUE BELL, li miegħu, fl-ewwtl round, kellna l-unika telfa. Din il-logħba kellha tintlgħab nhar is-Sibt, 21 ta' April, fil-Court ta' Ta' Qali. Jekk jirnexxielna nirbħu din il-logħba, ikun ifisser li jkun hemm bżonn ta' decider biex bejnietna jiġi dikjarat ir-rebbieħ taċ-Championship tal-Promotion Pool. Nispera li f'ħarġa oħra jkolli aħbarijiet sbieħ x'naghtikom.

**CHESS**

Wara l-appell li kont għamilt f'din il-paġna, erba' membri dilettanti tal-logħba taċ-CHESS, għaqdu team u qed jieħdu sehem fil-Kompetizzjoni "CHESS GHAL KULHADD" organizzata mill-Ministeru ta' l-Isports.

Dawn il-membri huma Raymond Zammit (PC. 1346) Tony Borg Caruana (PS 1095) Godfrey Scicluna (PC 1303) u A. Bonello (PC 674).

Il-polza, fl-ewwel logħba, ma tantx iffavoritna għaliex kellna nilagħbu kontra t-team tad-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku li fih jilgħab iċ-Champion Malti Harry Camilleri.

Is-sistema magħżula għal dan il-logħob hija dik magħrufa bħala "SWISS SYSTEM", fejn jintlagħbu 11-il round, u kull rebbieħ jieħu punt. Bħala premiiiet, il-Ministeru ħejja

TKOMPLI P.20

# Profil



## JOE AZZOPARDI

**(Footballer)**

Wieħed mill-players l-aktar prominenti fit-team tal-football tal-PRISONS, huwa Joe Azzopardi (PC 150). Li Joe ma jiffurmax parti mit-team magħżul tal-Pulizija huwa dovut biss għal fatt illi l-PRISONS jikkompetu b'team għalihom, fl-istess kompetizzjoni li fiha jipparteċipa t-team tal-Pulizija. Fil-fatt, qabel ġie stazzjonat il-Prisons, Joe kien għażla awtomatika għat-teams magħżula tal-Pulizija.

Joe ilu jilgħab il-football minn mindu kien tifel fil-Kulleġġ ta' Stella Maris. Wara dan, barra li lagħab għal ħafna staġuni mat-teams amateur tal-Belt bħal Rovers, Swifts u l-Lilywhites, kien ukoll fit-teams kollha tal-Valletta F.C. jiġifieri Minors, Reserves, Under 21 u anke ma' l-ewwel team, dejjem fil-pożizzjoni ta' goalkeeper. Ma' l-amateur teams rebaħ żewġ kampjonati fil-league tal-M.A.F.A., kif ukoll rebaħ leagues oħra mal-Minors, Reserves u Under 21 tal-Valletta F.C. Meta l-Valletta F.C. iltaqgħu ma' DUKLA PRAGA fil-European Cup, Joe Azzopardi kien ir-reserve goalkeeper.

Meta daħal fil-Pulizija fl-1967, iffurma parti mit-team tas-C.I.D./H.Q. li fil-League Distrettwali tal-Pulizija rebħu tliet kampjonati u żewġ Knock-Outs. Fl-1970 ġie trasferit il-Belt u mat-team ta' l-Ewwel Distrett rebaħ erba'

TKOMPLI P.20

Trofew ferm sabiħ, forma ta' ROOK (Torri) kbir tal-kawba b'kitba mnaqqxa għall-okkażjoni, kif ukoll medalji tad-deheb, fidda u bronż għar-rebbieħa, finalisti u tat-tielet post.

Naf li hemm ferm aktar membri li jinteressaw ruħhom f'dan l-isport. Qed jikkompetu biss dawn il-players li semmejt għaliex dawn ħadu l-inizjattiva li qabel id-data tal-għeluq, iffurmaw team malajr ħalli ma tintilifx l-okkażjoni. Il-quddiem nispera li norganizzaw kompetizzjoni tagħna.

Fix-xahar ta' Ġunju 1979, il-Valletta Bodybuilders Club, immexxi mill-ex-kuntistabbli George Brydon, se jorganizza kontest tal-Bodybuilding għat-Titlu "MR. OLYMPIAN", fis-Sala tal-Boy Scouts, il-Furjana.

Dan il-Kontest joffri opportunita' oħra lill-membri tagħna, dilettanti ta' dan l-isport, biex jikkompetu. Minbarra s-soltu George Abela, issa jista' jerġa' jieħu sehem Tony Camilleri kif ukoll membri oħra. Jekk aktar membri juru interess u jittreniaw, għandna ċans sabiħ li fil-kategoriji Tall Class" u Heavyweight" immorru tajjeb.

Peress li ftit fadal żmien, min huwa nteressat japplika kmieni.

## Profil

kampjonati u tliet K.O's. Joe skorja wkoll wieħed mill-goals li bihom, it-team ta' l-Ewwel Distrett rebaħ lit-team ta' TAORMINA fil-mawra tat-team fi Sqallija.

Joe kien ukoll player regolari fit-teams magħżula tal-Pulizija sakemm ġie trasferit il-Prisons u beda jifforma parti mat-team tal-Ħabs. Kemm ilu fil-Pulizija, Joe bidel il-pożizzjoni minn goalkeeper għal left-wing jew inside-forward fejn huwa magħruf għax-xutt qawwi li għandu bix-xelulgija, li biha skorja għadd kbir ta' goals importanti.

Fir-ritratt, Joe jidher bil-kuluri ta' l-Ewwel Distrett tal-Pulizija, f'wieħed mill-istaġuni li fih rebħu l-kampjonat.

## MILL-IMGHODDI

F'paġna oħra ta' dan il-magazin tissemma' il-ħidma tal-Pulizija matul l-aħħar gwerra dinjija 1939-44 u bħala ritratt f'din is-sensiela ta' ritratti antiki għażilt wieħed fejn juri l-pulizija taħdem wara attakk mill-ajru. Il-post huwa Strada Repubblika, l-Belt Valletta quddiem it-Tejatru Rjal.



Wara li ġew imtella' l-poloz ta' l-ewwel round tal-kompetizzjoni tas-Snooker, kien għad fadal xi logħbiet li għal raġuni jew oħra baqgħu ma ntlagħbux. Billi anke wara li tawwalna d-data ta' l-għeluq kien għad fadal xi logħob li ma sarx, dawn ġew dikjarati bil-polza biex isir progress.

Is-sittax il-player li għaddew għat-tieni round, li jinkludu kemm dawk rebbieħ fuq l-avversarji tagħhom kif ukoll dawk imtella' bil-polza huma dawn: Ps 1190 Lia, Pc 1213 Spiteri, Pc 719 Portelli, Pc 330 Mizzi, Pc 374 Fabri, Pc 1401 Pisani, Pc 1226 Debono, Pc 982 Vella, Pc 1093 Xuereb, Pc 281 Micallef, Pc 1076 Debattista, Pc 208 Mintoff, Pc 1387 Arnaud, Inspr. Debattista, Ps 1215 Debono, Pc 1341 Grech.

Meta kont qed nikteb, kellhom jitilgħu l-poloz tat-tieni round. Dawn issibuhom fin-Notice Board tal-Bitħa tal-H.Q. u fil-Canteen.

Nispera li wara l-ħafna lmenti għaliex ma jsirux kompetizzionijiet, jintwera aktar interess u dawn il-logħbiet jintlagħbu malajr kemm jista' jkun.

## SPARAR

F'Ġunju li ġej żewġ membri tal-Korp tal-Pulizija mistennija—jieħdu sehem fil-kompetizzjoni tas-'Small European Championship' li se jsir fil-Bidnija, Malta.

Din il-kompetizzojni se ssir l-ewwel darba f'Malta u se jkun hemm rappreżentanti ta' diversi pajjiżi barranin. Fost it-team Malti mistennija jipparteċipaw is-Surġent John Saliba u l-Kuntistabbli Baskal Muscat li nistgħu ngħidu bla dubju li huma l-aħjar żewġ tiraturi li għandna fil-Pulizija. Saliba u Muscat qatgħu figura tajba f'diversi kompetizzjonijiet li saru f'dawn l-aħħar xhur fis-Section A u qed ikomplu l-kompetizzjonijiet mal-Clubs tagħhom.

Minn dan il-magazin nawguraw suċċess lit-team Malti b'mod speċjali liż-żewġ membri tal-Korp.